

31963L0474

125/2240

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

17.8.1963

ID-DIRETTIVA TAL-KUNSILL**tat-30 ta' Lulju 1963****li tilliberalizza t-trasferimenti fir-rigward ta' transazzjonijiet inviżibbli li mhumiex konnessi mal-moviment ta' merkanzija, servizzi, kapital jew persuni**

(63/474/KEE)

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITÀ EKONOMIKA EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 63 u 106(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-Opinjoni tal-Parlament Ewropew ⁽¹⁾,

Wara li kkunsidra l-Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali,

Billi l-istabiliment tas-suq komuni jeħtieġ li restrizzjonijiet fuq it-trasferimenti bejn residenti ta' Stati Membri għandhom jitneħ-hew kemm jista' jkun malajr u bl-aktar mod wiesa' possibbli;

Billi f'dak li jirrigwarda t-trasferimenti li għandhom x'jaqsmu ma' transazzjonijiet inviżibbli stabbiliti fl-Anness III mat-Trattat li mhumiex irregolati bid-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 106(1) u (2) jew bil-Kapitolu dwar il-libertà tal-moviment tal-kapital, livell għoli ħafna ta' liberalizzazzjoni kien diġà milħuq fi Stati Membri;

Billi, fuq din il-bażi u b'kont meħud tas-sitwazzjoni ekonomika ta' l-Istati Membri, il-liberalizzazzjoni ta' trasferimenti li għandhom x'jaqsmu mat-transazzjonijiet kollha rilevanti fil-forma ta' permess ġenerali jew mill-anqas tal-ħruġ ta' xi awtorizzazzjonijiet tal-kambju li jstgħu ikunu meħtieġa, diġà tidher possibbli fl-istadju preżenti tal-perjodu transitorju,

ADOTTA DIN ID-DIRETTIVA:

L-Artikolu 1

1. L-Istati Membri għandhom jaġhtu l-awtorizzazzjonijiet kollha għall-kambju meħtieġa għal trasferimenti bejn residenti ta' l-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu mat-transazzjonijiet inviżibbli stabbiliti fl-Anness ma' din id-Direttiva.

2. L-Istati Membri għandhom jiffaċilitaw trasferimenti li għandhom x'jaqsmu ma' dawn it-transazzjonijiet biex isiru bir-rati tal-kambju eżistenti għal pagamenti li għandhom x'jaqsmu ma' transazzjonijiet kurrenti.

L-Artikolu 2

1. Id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva m'għandhomx jirrestrinġu d-dritt ta' l-Istati Membri li jivverifikaw in-natura u l-ġenwinità tat-transazzjonijiet jew tat-trasferimenti u li jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex ikun prevenut il-ksur tal-liġijiet u tar-regolamenti tagħhom.

2. L-Istati Membri għandhom jissimplifikaw, sa fejn ikun possibbli, l-awtorizzazzjoni u l-formalitajiet ta' kontroll applikabbli għal trasferimenti u għandhom fejn neċessarju jikkonsultaw lil xulxin bl-iskop ta' din is-simplifikazzjoni.

L-Artikolu 3

L-Istati Membri għandhom, fi żmien ħames xhur min-notifika ta' din id-Direttiva, iġibu fis-seħħ il-miżuri meħtieġa biex jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet tagħha u għandhom minnufih jinfurmaw lill-Kummissjoni bihom.

L-Artikolu 4

Din id-Direttiva hi indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, it-30 ta' Lulju 1963.

*Għall-Kunsill**Il-President*

J. M. A. H. LUNS

(1) ĠU 61, tad-19.4.1963, p. 1275.

L-ANNESS

Transazzjonijiet inviżibbli msemmija fl-Artikolu 1 tad-Direttiva

- Imposti bankarji.
 - Spejjeż ta' rappreżentazzjoni.
 - Il-parteciċipazzjoni minn kumpaniji u fergħat sussidjarji fl-ispejjeż ġenerali tal-kumpaniji ewlenija li jinstabu barra mill-pajjiż u viċe versa.
 - Id-differenzi, uil-marġini u d-depożiti dovuti f'dak li għandu x'jaqsam ma' operazzjonijiet fi swieq aħħarija ta' kumdità konformi mal-prattika normali kummerċjali.
 - Is-sottiskrizzjonijiet u l-miżati ta' membri (esklużi dawk li jirrappreżentaw ir-remunerazzjoni għal servizzi u kontribuzzjonijiet imħallsa lil korpi uffiċjali jew privati tas- sigurtà soċjali).
 - L-ispejjeż tal-gvern (ir-rappreżentazzjoni uffiċjali barra mill-pajjiż, il-kontribuzzjonijiet lill-organizzazzjonijiet internazzjonali).
 - It-taxxi (esklużi t-taxxi tal-mewt), l-ispejjeż tal-qorti, ir-reġistrazzjoni ta' patenti u ditti.
 - Id-danni, meta dawn ma jkunux jistgħu jitqiesu bħala kapital.
 - Ir-rifużjonijiet fil-każ ta' kanċellazzjoni ta' kuntratti u rifużjonijiet għal pagamenti li ma kenux mitluba meta dawn ma jkunux jistgħu jitqiesu bħala kapital.
 - Il-multi.
 - It-tweġġiq perjodiku ta' pagamenti inkonnessjoni mat-trasport pubbliku u mas-servizzi postali, telegrafici u tat-telefon.
 - L-irċevuti konsulari.
 - Il-pagamenti ta' manutenzjoni li jirriżultaw minn obbligu legali u assistenza finanzjarja f'każijiet ta' tbatija.
 - Imposti għal dokumentazzjoni ta' kull tip involuti għal kont tagħhom proprju minn negozjanti awtorizzati għall-kambju.
 - Premijiet sportivi u qligħ minn tiġrijiet (esklużi dawk mirbuħa minn professjonisti).
-